Qorti tal-Appell
(Sede Inferjuri)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Appell Numru: 765/14 AE

**James Grech (ID 492280(M)) u martu Annaliza Grech (ID 548480(M)) ezercenti fil-kummerc fl-isem ta' Lead Events** **(appellanti)**

**Vs**

**James Nunn u b'digriet moghti mit-Tribunal datat 27 ta' Frar, 2015 gie inserit in-numru tal-karta tal-identita' u cioe n-numru 72877(A)**
**(appellati)**

10 ta' Marzu 2017

L-atturi appellaw mis-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-22 ta' April, 2016 li biha cahad it-talba. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"Li mill-provi jirrizulta li Lead Events torganizza korsijiet qosra u akreditati li jwasslu ghal Continual Professional Awards li huma akkreditati mal-Kummissjoni Nazzjonali ghal Edukazzjoni gholja f'Malta. Li l-intimat applika online fis-06 ta' Dicembru, 2013 ghal dan il-kors bl-isem 'Award in Management and Leadership' liema kors kien ser jibda fil-21 ta' Jannar, 2014 u fil-fatt beda dakinhar. Huwa kkonferma fol 12 u 13 tal-process li huma l-invoice u t-termini u kundizzjonijiet tal-applikazzjoni. Meta fl-14 ta' Jannar, 2014 l-atturi baghtu jinfurmaw lil-partecipanti bid-data tal-kors l-intimat kkuntattja lil kollega tal-atturi fis-16 ta' Jannar, 2014 u nfurmah li kellu xoghol barra f'dak iz-zmien u ghalhekk ma kienx possibli ghalih jattendi l-kors.*

*Mid-dokumenti prodotti mill-atturi, jirrizulta li l-intimat applika permezz ta' email fis-06 ta' Dicembru, 2013 fol 28, u li fil-11 ta' Dicembru 2013, huwa gie nfurmat mill-attur James Grech li gie accettat ghal dan l-kors ta' Jannar, 2014 (fol.32); li l-invoice ghal pagament u termini u kundizzjonijiet gew mibghuta lil konvenut fil-11 ta' Dicembru, 2013 liema invoice turi li ghal kors li applika ghalih l-konvenut, huwa ghandu jhallas is-somma ta' elf mija u wiehed u ghoxrin ewro (€1,121) cioe elf mija u wiehed u ghoxrin ewro, u li wiehed ma jistghax jikkancella aktar tard minn ghaxart ijiem qabel jibda l-kors u li min jikkancella wara jitlef l-pagament u jkollu penali ekwivalenti ghal kemm jiswa l-kors (fol 34). Jigi rilevat li a fol 36 permezz t'email tal-10 ta' Jannar, 2014 il-konvenut staqsa biss fi x'hin jibda l-kors filghodu u filghaxija x'hin jispicca u kemm hu twil il-kors u fl-istess gurnata a fol 37 l-konvenut inghata din l-informazzjoni permezz ta' email (fol 37) u rega nghata din l-informazzjoni a fol 39 permezz ta' email li ntbaghtet lil partecipanti kollha fl-14 ta' Jannar, 2014. Kien biss meta l-attrici noe cemplet lil intimat biex ihallas li huwa infurmaha li ma setghax jattendi l-kors.*

*Il-konvenut minkejja diversi seduti baqa` ma prezenta l-ebda provi.*

*Illi ma jirrizultax pero' li l-konvenut qatt iffirma dan il-ftehim jew hallas depozitu akkont skont il-konvenut il-partijiet ma kellhom ebda ftehim mentri l-atturi jikkontendu li la baghtulu t-terms and*

*conditions u huwa ma rrisponda xejn dan ifisser li l-konvenut qaghad ghal dawn it-terms tal-conditions tal-kors li applika ghalih.*

*Skont l-Artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, r-rekwiżiti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa huma (a) illi l-partijiet ikunu kapaċi biex jikkuntrattaw; (b) il-kunsens ta' dak illi jobbliga ruħu; (c) ħaga żgura li tkun l-oġġett tal-kuntratt u (d) kawża leċita biex wieħed jobbliga ruħu.*

*Inoltre, l-Artikolu 1212 tal-istess Kap 16 jiddisponi li 'Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexxissjoni.'*

*Inoltre jigi rilevat li l-kuntratti jridu jigu esegwiti in buona fede (George Portanier noe vs Charles Bezzina et (PA (PS) 3.10.2003) u Angelo Xuereb (Construction) Limited vs Tony Mallia Bonello (App.Civ. 28.4.2006).*

*It-Tribunal ma jistax ma jinnotax kif l-atturi ghalkemm baghtu t-terms and conditions dan ghamluh wara li applika l-konvenut, ma gabu ebda prova li meta harget is-sejha ghal dawn il-korsijiet kien hemm dawn il-kundizzjonijiet ma' din is-sejha u wkoll, naqsu milli jinfurmaw lill-applikanti sabiex jwiegbu lura li qed jaccettawhom specjalment l-klawsola li titratta c-cirkostanzi ta' meta wiehed ma jattendix l-kors; kif lanqas ma jirrzulta li l-konvenut qaghad ghal dawn il-kondizzjonijiet. Veru li meta sussegwentement l-konvenut staqsa kemm hu twil il-kors u fi x'hin jibda filghodu u x'hin jispicca filghaxija wiehed jista jipprezumi li huwa fehem dawn il-kundizzjonijiet izda dan it-Tribunal ma jistghax joqghod fuq kongetturi izda fuq il-fatti kif prodotti".*

L-atturi appellaw mis-sentenza. L-aggravji huma :-

i. Il-konvenut kien accetta t-termini u kondizzjonijiet marbuta mal-applikazzjoni. Meta ntbaghat l-invoice, il-konvenut ma kkontestahx u lanqas il-kondizzjonijiet li hemm fih. Ghalhekk mhux minnu li kien talab biss ghal informazzjoni.
ii. Il-konvenut ma ressaqx provi, filwaqt li l-atturi ressqu provi li kollha juru li kien hemm kunsens. Ghalhekk it-Tribunal qatt ma seta jikkonkludi li l-allegazzjoni tal-konvenut kienet giet ippruvata.

Il-konvenut ma wegibx.

**Fatti fil-qosor**.

i. L-atturi jorganizzaw korsijiet akkreditati mal-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Edukazzjoni Gholja f'Malta.
ii. Fis-6 ta' Dicembru, 2013 il-konvenut applika ghal kors *Award in Management and Leadership*.
iii. Fil-11 ta' Dicembru 2013, il-konvenut kien infurmat li gie accettat ghall-kors li jibda f'Jannar 2014. Dakinhar stess intbaghat invoice li jinkludi fih *terms & conditions*. Il-prezz kien ta' €1,121. Wahda mill-kundizzjonijiet kienet tirregola kancellament da parti tal-klijent.
iv. Permezz ta' email mibghuta fl-10 ta' Jannar 2014, il-konvenut talab taghrif dwar il-hin li jibda l-kors u x'hin jispicca, u kemm kien twil il-kors.

v. Fil-15 ta' Jannar 2014 intbaghtet email lill-konvenut fejn intalab ihallas u giet riprodotta dik il-parti tat-*terms & conditions* li jitrattaw il-kancellament.
vi. Fis-16 ta' Jannar 2014 sar kuntatt mal-konvenut sabiex jikkonferma li ser jattendi u biex ihallas. Il-konvenut qalilhom li ma kienx ser ikun possibbli ghalih li jattendi ghall-kors.

**Konsiderazzjoni**.

1. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:-

1.1 L-invoice datat 11 ta' Dicembru, 2013 li ntbaghat lill-konvenut stiednu sabiex jaqra t-termini u l-kondizzjonijiet qabel jirregistra, u jinghad: *"By registering for a workshop/course/conference/event, you agree to be bound by these Terms & Conditions……."* L-azzjoni tal-atturi hi bazata fuq dawk il-kondizzjonijiet. Fil-fatt wahda mill-kondizzjonijiet fl-invoice titratta dwar kancellament; *"Cancellations that take place up to 10 days before the workshop/course/conference/event date will be refunded at 50% of the total price including any deposit paid. Cancellations that take place closer to the date of the workshop/conference/event, will forfeit their payment entirely and will incur the liability to settle any amounts due if payment would not have been as yet effected"*.

1.2 Madankollu m'hemmx prova li fil-mument li l-konvenut applika ghall-kors kellu t-taghrif li jidher fl-invoice bhala *terms and conditions*. Fl-applikazzjoni li saret online (fol. 28) apparti dettalji tal-konvenut, kull ma jinghad hu: *"I agree with the above terms and conditions"*, li pero' m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kundizzjonijiet stampati fl-invoice datat 10 ta' Dicembru, 2013. Il-qorti taqbel mat-Tribunal meta qal, *"(….) l-atturi ghalkemm baghtu t-terms and conditions* ***dan ghamluh wara li applika l-konvenut, ma gabu ebda prova li meta harget is-sejha ghal dawn il-korsijiet kien hemm dawn il-kundizzjonijiet ma' din is-sejha u ……"*** Sabiex il-konvenut ikun marbut bil-kondizzjonijiet li jissemmew fl-invoice, kellu jkun infurmat bihom fl-istadju li applika ghall-kors u mhux wara. Ladarba m'hemmx prova li kien infurmat bihom, l-atturi ma kellhom l-ebda jedd li unilateralment jimponu kundizzjonijiet *ex post facto* diment li ma jigux accettati mill-konvenut.

1.3 L-atturi argumentaw li, *"(….) l-konvenut baghat emails fejn talab informazzjoni ulterjuri minghajr ma kkontesta l-invoice jew t-terms and conditions mibghuta lilu jiem qabel"*. Pero' l-konvenut qatt ma ddikjara li jaccetta l-kundizzjonijiet li hemm fl-invoice. Il-fatt li talab

iktar informazzjoni ma jfissirx li kien ta l-kunsens ghal dawk il-kundizzjonijiet. Ladarba m'ghamel l-ebda pagament tal-ammont mitlub fl-invoice ma jistax jinghad li kien marbut b'dawk il-kondizzjonijiet, inkluz dik li tirreferi ghall-kancellament mill-klijent.

1.4 Ladarba l-atturi ma tawx prova li kien hemm rabta kuntrattwali bazata fuq il-kundizzjonijiet li jissemmew fl-invoice, l-azzjoni tfalli. Hu veru li l-konvenut ma ressaqx provi. Pero' l-oneru tal-prova kien fuq l-atturi, cjoe' li juru li kien hemm rabta kuntrattwali bejn il-partijiet a bazi tal-kondizzjonijiet li jissemmew fl-invoice (fol. 33). Prova li ma saritx.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-atturi.**

Anthony Ellul.